# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2018**

**Kawża Nru. 8**

**Rik. Nru. 563/2006 JRM**

Maria Carmela *sive* Marlene **GREGORY**

vs

**GREGORY'S COMPANY LIMITED (C-13374)**, C Gregory Co. Limited (C – 31926) u Alexander Gregory

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-22 ta' Ġunju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi titlob lil din il-Qorti biex tagħmel ordni għall-finijiet tal-artikolu 402 tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji billi (a) issib li l-ftehim li sar bejn iż-żewġ kumpanniji imħarrka li bih il-kumpannija Gregory's Company Limited għaddiet lill-kumpannija C. Gregory Co. Limited kwantita` kbira ta'

partijiet u aċċessorji tal-vetturi, sar b'mala fidi, b'qerq u bil-ħsieb li jkun ta' ħsara għall-jeddijiet tal-attriċi bħala azzjonista fl-imsemmija kumpannija Gregory's Company Limited; (b) issib illi l-istess ftehim huwa null u bla effett u tordna r-rexxissjoni, tħassir u l-annullament tiegħu; (ċ) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, iħallsuha l-kumpens għat-telf jew għad-danni li ġarrbet; (d) toħroġ ordni sabiex tirregola t-tmexxija tal-kumpannija fil-futur. L-attriċi talbet ukoll l-ispejjeż, magħduda dawk marbuta mal-Mandat ta' Inibizzjoni u mal-Mandat ta' Deskrizzjoni mressqa mal-istess Rikors Maħluf;

Rat id-degriet tagħha ta1-20 ta' Lulju, 2006[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-20 ta' April, 2009, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi fil-mertu ċaħdu x-xiljiet miġjuba kontra tagħhom u saħqu li l-ftehim saru sewwa;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi dokumentali mressqa quddiemha mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2013[2], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talba magħmula mill-attriċi biex tgħaddi għall-ħatra ta' perit komputista;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq tal-avukati tal-partijiet[3];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' ħarsien ta' azzjonist kontra preġudizzju mhux ġust għall-finijiet tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, marbuta ma' xilja ta' għemil qarrieqi mill-imħarrkin fuq ftehim ta' bejgħ ta' stokk minn kumpannija imħarrka għal oħra, bi ħsara għall-interessi u jeddijiet tal-attrici li hija azzjonista fil-kumpannija bejjiegħa. L-attriċi titlob illi l-ftehim jiġi mħassar, kif ukoll illi tingħata kumpens xieraq jew titħallas għad-danni mġarrba minħabba dak l-għemil qarrieq;

[1] Paġġ 50 – 1 tal-proċess
[2] Paġ. 141 tal-proċess
[3] Paġ. 171 tal-proċess

Illi l-imħarrkin iwarrbu x-xiljiet tal-attriċi u jisħqu li t-talbiet tagħha la huma mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt. B'mod partikolari, jgħidu li l-ftehim la sar b'mod qarrieqi l-anqas b'mala fidi;

Illi bħala fatti relevanti li joħorgu mill-atti ta' din il-kawża, jirriżulta li l-attriċi flimkien ma' żewġha, l-imħarrek Alexander Gregory, waqqfu kumpannija bl-isem ta' Gregory's Company Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "Gregory's") f'Diċembru tal-1991, u rreġistrawha mar-Reġistru tal-Kumpaniji. Gregory's iġġib in-numru ta' reġistrazzjoni C-13374[4]. L-attriċi kellha sehem wieħed minn ħamest elef (5,000) sehem ordinarju fi Gregory's, filwaqt illi l-bqija tal-ishma (4,999) kienu fuq isem l-imħarrek. L-attriċi kienet direttriċi ta' din il-kumpanija sakemm fl-24 ta' Frar, 2004[5] tneħħiet minn dik il-kariga, u minflokha inħatret binthom Charlotte Gregory fit-3 ta' Mejju, 2004[6];

Illi f'Awwissu tal-2003, l-attriċi kienet talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[7] kontra l-imħarrek biex iżżommu milli jittrasferixxi jew jeħles minn xi ishma li huwa għandu fi Gregory's jew li jdejjen aktar lill-istess kumpannija, u dan minħabba li kienet nediet proċeduri għall-firda personali quddiem il-Qorti kompetenti;

Illi n-negozju ewlieni ta' Gregory's kien dak marbut ma' xiri u bejgħ ta' vetturi u *spare parts* ta' vetturi[8]. L-attrici ħadmet għal snin twal f'din il-kumpanija u kienet midħla sewwa ta' x'kien jitlob il-lant tax-xogħol[9];

Illi fl-14 ta' Awwissu, 2003, l-imħarrek waqqaf kumpannija oħra, din id-darba ma' bintu Charlotte Gregory, bl-isem ta' C Gregory Co. Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "C. Gregory") bin-numru ta' reġistrazzjoni C-31926[10], u b'kapital ta' ħamest elef Lira Maltin (Lm 5,000) maqsuma f'ħamest elef (5,000) sehem ordinarju ta' Lira l-wieħed u mħallsin għal kollox. Charlotte Gregory kellha nofs l-ishma f'C. Gregory (2,500 "B" Shares), filwaqt illi n-nofs l-ieħor (2,500 "A" Shares) kien fuq *nominee* bl-isem ta' Unifin Services Limited li l-benefiċjarju tagħha huwa l-imħarrek Alexander Gregory[11]. L-għan ta' din it-tieni kumpannija kien dak marbut max-xiri ta' vetturi, bejgħ u xiri ta' vetturi mill-idejn u xiri u bejgħ ta' *spare parts*, fost oħrajn[12];

[4] Dok. "B" f'paġ. 26 tal-proċess
[5] Dok. "B" f'paġ. 15 tal-proċess
[6] Dok. "B" f'paġ. 16 tal-proċess
[7] Mandat 1354/03GCD (12.8.2003)
[8] Dok. "B" paġ. 26 tal-proċess, kif ukoll dikjarazzjoni f'paġ. 83 tal-proċess
[9] Xhieda tal-attriċi tal-25 ta' Ġunju 2009 f'paġ. 79 – 93 tal-proċess
[10] Dok. "Ċ" f'paġ. 35 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Alexander Gregory tat-2 ta' Novembru, 2010 f'paġ. 119 tal-proċess
[12] Dok. "C" f'paġ. 40 tal-proċess

Illi fil-5 ta' Marzu 2005[13], l-attrici u l-imħarrek infirdu konsenswalment bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku quddiem in-Nutar Carmel Gafa' sabiex jirregolaw il-firda personali ta' bejniethom. Fost oħrajn, huma qablu illi l-ġid immobbli li kellhom fuq isimhom jibqa' komuni, u li l-ishma fi Gregory's jgħaddu (qabel id-data tal-ftehim) fuq binthom Charlotte Gregory[14];

Illi bi ftehim tal-24 ta' Diċembru 2005, l-imħarrek Alexander Gregory li deher għal Gregory's biegħ lil C. Gregory numru ta' mobbli bil-valur komplessiv ta' għoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000) li minnhom erbatax-il elf Lira Maltin (Lm14,000) kienu jirrappreżentaw l-istokk li kellha Gregory's[15]. Lista ta' dan l-istokk ma ġietx annessa mal-ftehim. L-imħarrek Alexander Gregory jispjega li ma kienx hemm ħtieġa ta' ebda elenku jew lista ta' dak li kien qed jiġi mibjugħ peress illi l-istokk ġie mgħoddi lil bintu u mhux lill-barranin[16];

Illi Charlotte Gregory tgħid illi l-valur ta' erbatax-il elf Lira Maltin (Lm14,000) ittieħed fuq ix-xiri u bejgħ tal-istokk u kien jidher fl-*accounts* li saru f'Diċembru tas-sena 2005[17]. Imma ma tressqet l-ebda kopja ta' dawn l-*accounts* fl-atti tal-kawża;

Illi bi ftehim ieħor tad-29 ta' Marzu, 2006, l-imħarrek Alexander Gregory għal darb'oħra f'isem Gregory's biegħ lil C. Gregory (li għaliha dehret ukoll bintu Charlotte) l-istokk kollu li kien għad fadlilha Gregory's għall-prezz ta' sebat elef Lira Maltin (Lm7,000)[18];

Illi b'kollox il-bejgħ tal-istokk marbut mal-i*spare parts* kien dak ta' wieħed u għoxrin elf Lira Maltin (Lm21,000);

Illi b'hekk wara dawn iż-żewġ negozji, Gregory's kulma kien baqa' fuq isimha kien d-dejn li hija kellha mal-bank f'forma ta' *overdraft* fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000). Il-ħlas li bdiet tagħmel C. Gregory mix-xiri tal-istokk mibjugħ lilha minn Gregory's kien jitqiegħed f'kont bankarju biex jaqta' d-dejn dovut minn Gregory's[19];

Illi fit-22 ta' Lulju, 2006[20], l-attriċi fetħet din il-kawża. Fl-istess ġurnata l-attriċi talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra C. Gregory u l-imħarrek biex iżżommhom milli jbiegħu jew jiddisponu mill-istokk ta' C. Gregory. It-talba tagħha ntlaqgħet fit-30 ta' Ġunju, 2006. Fit-22 ta' Ġunju, 2006[21] talbet ukoll il-

[13] Dok. "A" f'paġġ. 5 – 11 tal-proċess
[14] Dok. "A", klawsola 18 f'paġ. 10 tal-proċess
[15] Dokti. "CG1" u "CG1A" f'paġġ. 132 – 6 tal-proċess.
[16] Xhieda ta' Alexander Gregory fil-kontro eżami f'paġ. 159 tal-proċess
[17] Xhieda ta' Charlotte Gregory waqt il-proċeduri marbuta mal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 981/06GV f'paġ. 63 tal-proċess
[18] Dokti. "CG2" u "CG2A" f'paġġ. 137 – 8 tal-proċess
[19] Xhieda Alexander Gregory f'paġ. 158 tal-proċess
[20] Dok. "MG3" f'paġġ. 71 – 2 tal-proċess
[21] Dok. "MG2" f'paġ. 64 – 5 tal-proċess. L-oġġetti li saret deskrizzjoni għalihom jinstabu f'paġġ. 66 – 9 tal-proċess

ħruġ ta' Mandat ta' Deskrizzjoni kontra l-istess imħarrkin tal-oġġetti (il-*parts* tal-vetturi) li kienu miżmuma f'numru ta' fondi indikati fl-istess Mandat. It-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat imsemmi ntlaqgħet dakinhar;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta mal-kawża, xieraq li jingħad li din hija azzjoni li tinbena fuq l-annullabilita' ta' ftehim (imnissel f'żewġ kuntratti) minħabba xilja ta' qerq mill-imħarrkin sabiex jitbattal il-ġid minn Gregory's, li fiha l-attriċi hija azzjonista minoritarja. L-attrici titlob ukoll r-rexxissjoni ta' dawn il-ftehim u d-danni li ġarrbet minħabba l-ġid li għadda minn Gregory's għal għand C. Gregory, fejn l-attriċi m'għandhiex ishma u, wisq anqas, kontroll. Min-naħa l-oħra, il-partijiet imħarrka jiċħdu li wettqu xi għemil ta' qerq bi ħsara għall-attriċi, u jisħqu li dak li minnu tilmenta l-attrici f'din il-kawża ġara biss biex tibbenifika binthom;

Illi l-Qorti tirrileva li l-ftehim li l-attriċi trid tħassar u d-danni li tippretendi mingħand l-imħarrkin minħabba dak it-tħassir kien ir-riżultat taż-żewġ ftehim li għalih l-attriċi ma kinetx parti, u li fihom tħalliet għal kollox barra minnhom. Minn dawn il-ftehim, C. Gregory hija l-kumpanija li attwalment ibbenifikat mill-ġid ta' Gregory's u fejn l-imħarrek Alexander Gregory huwa l-benefiċjarju effettiv (imfisser bħala r-'*resident beneficial owner*' fil-Memorandum u l-Istatut tal-istess kumpannija) ta' nofs l-ishma tagħha bis-saħħa tal-ishma f'isem it-*trustee* Unifin Services Limited. Min-naħa l-oħra, il-mogħdija (trasferiment) tal-istokk minn kumpannija għall-oħra kien forma ta' bejgħ u d-dħul minn dan il-bejgħ kien qed jmur sabiex jinqata' d-dejn li Gregory's kellha mal-bank. Għall-Qorti, dawn huma ċirkostanzi determinanti għas-soluzzjoni tal-kwestjoni. Tajjeb li wieħed iżomm ukoll quddiem għajnejh li t-talbiet attriċi kollha jimxu fuq il-premessa li l-azzjoni attriċi tissejjes fuq l-artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji;

Illi l-Qorti sejra tistħarreġ **l-ewwel talba attriċi** fid-dawl tax-xilja miġjuba minnha marbuta mal-**qerq**. Dak li l-attriċi tixli bih lill-imħarrkin hija xilja serja u tattribwixxi lilhom għemil doluż bi ħsara għall-interessi tagħha fil-komunjoni tal-akkwisti. Dan jitfa' piż fuq l-attriċi li turi sewwa dak li qed tixlih bih. Dan il-piż jintefa' fuqha mhux biss għaliex il-qerq mhuwiex preżunt, imma wkoll għaliex f'azzjoni msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji il-prova li l-imġiba li minnha l-azzjonist minoritarju jilminta hija tabilħaqq oppressiva, diskriminatorja jew ta' ħsara trid issir b'mod tassattiv minn min jallegaha[22], ukoll jekk mhux bilfors irid jintwera li min wettaqha mexa b'mala fidi[23];

[22] P.A. GV **30.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Cutajar pro et noe vs S.C. & Company Ltd. et***. (mhix appellata); u P.A. JZM **16.1.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***George Borġ vs Primrose Poultry Products Ltd. et*** (mhix appellata)
[23] Ara P.A. JZM **30.3.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Ltd et*** (mhix appellata)

Illi mill-fatti joħorġu s-segwenti punti importanti: (i) l-attriċi kellha sehem nominali fi Gregory's, filwaqt li l-bqija tal-ishma kienu fuq isem żewġha l-imħarrek; (ii) l-attriċi u l-imħarrek Alexander Gregory fuq il-ftehim li rregola l-firda personali ta' bejniethom ftehmu illi sad-data tal-firda, l-ishma kollha fi Gregory's kellhom jgħaddu fuq isem binthom, iżda jirriżulta illi dan it-trasferiment baqa' ma sarx[24]; (iii) l-imħarrek Alexander Gregory kien benefiċjarju tal-azzjonijiet "A" fi C. Gregory (nofs l-ishma kollha f'dik il-kumpannija) li waqqaf ma' bintu; (iv) skond l-Memorandum u l-Istatut ta' C. Gregory, l-għan li għalih twaqqfet il-kumpannija kien sabiex tixtri u tbiegħ vetturi u *spare parts* ta' vetturi, u li l-irbit ta' Gregory's ma terzi seta' jsir minn kwalunkwe direttur; (v) l-imħarrek Alexander Gregory kien direttur ta' Gregory's filwaqt illi l-attriċi kienet tneħħiet minn direttriċi meta saru l-ftehim impunjati, għalkemm baqgħet azzjonista fl-istess kumpannija; (vi) meta sar il-bejgħ, il-kunsens ta' l-attriċi ma nġabx; (vii) wara l-bejgħ tal-istokk lil C. Gregory, Gregory's ma kien fadlilha l-ebda assi oħrajn, imma biss dejn lejn Bank;

Illi f'dan il-każ, il-Qorti għandha quddiem wiċċha sitwazzjoni fejn mad-daqqa t'għajn jidher illi l-bejgħ tal-istokk u l-ġid mobbli ta' Gregory's lil C. Gregory sar minn wara dahar l-attriċi u bil-ħsieb li tinqala' 'l barra mix-xena u ma jkollha aktar l-ebda sehem mill-ġid ta' Gregory's, filwaqt li minn dak il-ġid jibqgħu jgawdu biss l-imħarrek u binthom. Fuq dawn il-fatti biss u lil hinn minn kwalunkwe konsiderazzjoni oħra, l-attriċi tidher illi għandha każ. Iżda hemm realta' oħra illi l-Qorti ma tistax tinjora u dan huwa l-aspett kummerċjali ta' din it-transazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, l-element ta' qerq għaldaqstant għandu jiġi mistħarreġ fil-kuntest tal-jedd (jew in-nuqqas tiegħu) illi Gregory's kellha biex tersaq fuq il-ftehim ma' C. Gregory;

Illi l-ewwel punt li l-Qorti qieset kien il-fatt illi l-qbil li l-attriċi u l-imħarrek żewġha kienu laħqu fil-kuntratt tal-firda personali ta' bejniethom biex jgħaddu l-ishma ta' Gregory's lil binthom qatt ma ġie attwat. Il-partijiet ma daħlux fir-raġunijiet il-għaliex dan ma seħħx, bil-konsegwenza illi Gregory's baqgħet issejjaħ lill-attriċi u lil żewġha bħala l-azzjonisti waħdiena, u li għaldaqstant ma kien hemm xejn x'iżommha milli tkompli bin-negozju tagħha. Jibqa' l-fatt illi Gregory's kellha tkompli tinnegozja bi buona fide, u huwa dan in-nuqqas ta' buona fide min-naħa tal-imħarrek (meta biegħ il-biċċa l-kbira tal-ġid ta' Gregory's lilu nnifsu u lil bintu) li jixħet dell mhux sabiħ fuq l-istess imħarrek Alexander Gregory u fuq it-trasferiment li sar lil C. Gregory;

Illi fit-tieni lok, illi t-trasferiment tal-istokk minn Gregory's favur C. Gregory ħa s-sura ta' bejgħ, li għalih C. Gregory kellha tħallas lil Gregory's fuq medda

[24] Ta' min jgħid li l-attriċi kienet ħarġet Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imħarrek innifsu biex iżżommu milli jittrasferixxi l-ishma tiegħu fi Gregory's u ma jirriżultax jekk l-attriċi qatt ħarġet il-Kontro-Mandat relattiv jew jekk dak il-Mandat tħassarx mod ieħor

miftehma ta' żmien (u, wara li jagħlaq dak iż-żmien, jibda għaddej l-imgħax bit-tmienja fil-mija fuq il-bilanċ li jkun għadu mhux imħallas) u li r-rikavat kellu jagħmel tajjeb sabiex jinqata' d-dejn li Gregory's kellha mal-bank. L-attriċi ma ġabetx prova li twaqqa' jew tmieri dawn il-fatti, u għaldaqstant il-Qorti qiegħda tqis illi dan kollu huwa minnu u li t-trasferiment tabilħaqq sar biex bint il-partijiet tkun tista' tieħu f'idejha n-negozju tal-familja bla biżgħa li xi terz kreditur ta' Gregory's jista' jfixkilha milli taħdem bi kwietha[25];

Illi fit-tielet lok, il-Qorti qieset ukoll illi għalkemm ir-riżultat aħħari tal-bejgħ tal-istokk ta' Gregory's seta' wassal biex il-kumpannija tneżżgħet mill-assi u fadlilha biss dejn fuq il-kotba tagħha, ma kien hemm xejn x'iżommha milli tbiegħ dak l-istokk għaliex dak li għamlet setgħet tagħmlu u l-imħarrek Alexander Gregory, bħala direttur, seta' jidher waħdu biex jirrappreżentaha, skond ir-rieda tal-Istatut u l-Memorandum tal-istess kumpannija. Marbut sfiq ma' din il-kunsiderazzjoni, huwa l-fatt illi għalkemm l-imħarrek Alexander Gregory kellu l-ishma fi C. Gregory, bħala l-akbar azzjonist fi Gregory's, xorta kien baqa' responsabbli għad-dejn li dik il-kumpannija kien fadlilha mal-bank. Skond ma jirrriżulta mill-ftehim bejn il-kumpanniji mħarrka, il-ġid ta' Gregory's inbiegħ b'kollox għall-prezz ta' sebgħa u għoxrin elf Lira Maltin (Lm27,000)[26] meta l-kumpannija kellha dejn ta' Lm25,000 mal-bank. Dan ifisser illi, jekk kemm-il darba C. Gregory kienet se tħares il-ftehim u tħallas f'waqtu l-prezz tax-xiri tal-istokk, id-dejn li Gregory's kellha mal-bank kien jinqata';

Illi fir-raba' lok, jekk wieħed iqis li kemm Gregory's u kif ukoll C. Gregory twaqqfu fi żmien qabel ma saret il-firda personali bejn l-attriċi u l-imħarrek żewġha, ifisser ukoll li l-istess attriċi kellha sehem (bis-saħħa tal-komunjoni tal-akkwisti) f'kull sehem jew interess li l-imħarrek seta' kellu fiż-żewġ kumpanniji. Jekk, bit-trasferiment tal-ġid mobbli minn Gregory's favur C. Gregory, it-tgawdija li l-attriċi seta' kellha f'tal-ewwel inġabet fix-xejn, daqstant ieħor dik tal-imħarrek naqset bin-nofs;

Illi għalhekk, din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa x-xhieda u d-dokumenti kollha mressqa quddiemha, tasal għall-fehma illi l-attriċi ma seħħilhiex iġġib il-prova mistennija minnha li dak it-trasferiment tal-ġid mobbli fi Gregory's sar għar-raġuni li ssemmi hi fl-ewwel talba tagħha. Għalhekk, l-ewwel talba mhijiex sejra tintlaqa';

Illi fir-rigward tat-**tieni talba**, fil-liġi tagħna, l-għemil doluż huwa raġuni tajba biex iġġib ma jiswiex (jannulla) ftehim li jkun sar, imma dan meta l-qerq imwettaq minn waħda mill-partijiet ikun tali li mingħajru l-parti mġarrba ma

[25] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 153 tal-proċess
[26] Lm 20,000 fil-ftehim tal-24.12 2005 u Lm 7,000 fil-ftehim tad-29 .3.2006

kinitx tersaq għall-kuntratt[27]. Il-qerq huwa mfisser bħala "*qualsiasi inganno, circonvenzione, comportamento truffaldino, raggiro usato per far cadere in errore la controparte e indurla a concludere il negozio*"[28];

Illi l-prova trid issir mill-parti li tallega l-qerq[29], li wkoll trid turi li l-parti l-oħra kellha l-fehma jew intenzjoni li tqarraq[30]. Fuq kollox, "*l'accertamento del dolo come vizio del consenso deve essere preciso e rigoroso, e non puo' essere affidato a semplici induzioni o presunzioni od a criteri di verosimiglianza*"[31];

Illi huwa magħruf li l-qerq ma huwiex preżunt u jrid ikun ippruvat kif imiss[32]. Il-prova bħal din trid tkun tajba biżżejjed li turi li l-parti mixlija bil-qerq kienet nisġet skema bi ħsieb partikolari li tilgħab lill-parti l-oħra biex tersaq għall-ftehim. Biex il-qerq jagħti lok għat-tħassir ta' rabta kuntrattwali, irid jintwera li r-raġġieri u skemi mħaddma mill-parti li tkun qarrqet iwasslu lill-parti l-oħra li tersaq għall-ftehim bil-fehma li l-elementi essenzjali tal-kuntratt huma kif maħsuba meta, fil-fatt, tali elementi jew uħud minnhom ma jikkorrispondux mas-sewwa[33]. Fuq kollox, tali qerq irid ikun ta' gravita' u serjeta' tali li, kieku ma kienx għalih, il-parti l-oħra ma kinitx tersaq għall-ftehim[34]. Jekk, imbagħad, il-qerq ikun tali li jwassal lill-parti mqarrqa għal żball dwar l-oġġett tal-ftehim, tali żball irid ikun wieħed skużabbli, jiġifieri wieħed li l-parti mqarrqa ma setgħetx tintebah bih bid-dehen ordinarju tagħha[35];

Illi huwa minnu wkoll illi l-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għall-ħaddieħor[36], u li l-kuntratti magħmula skond il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom[37];

Illi safejn jolqot it-talba għat-tħassir ta' kuntratt, il-liġi tagħna tagħraf illi bir-rexxissjoni ta' kuntratt, il-partijiet jiġu mqiegħda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim. Kull parti għandha trodd lill-oħra dak li tkun irċeviet jew daħħlet b'effett jew bis-saħħa tal-kuntratt, u meta l-kuntratt jiġi rexxiss minħabba għemil doluż, il-parti ħatja ta' dak l-għemil doluż għandha trodd lill-oħra wkoll il-frottijiet li setgħu jiġu miġbura, u li, bi ħtija jew bi traskuraġni tagħha, ma ġewx hekk miġbura[38].

[27] Art. 981(1) tal-Kap 16
[28] G. Alpa <u>*Corso di Diritto Contrattuale*</u> (2006), § 12.14, paġġ. 138 – 140
[29] App. Kumm. **31.3.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **LI.i.546**)
[30] P.A. DS **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Busuttil et vs Carmen Taliana*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**16.2.2004**)
[31] Cass. **8.5.1969** nru. 1570
[32] Art. 981(2) tal-Kap 16
[33] P.A. TM **4.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***P.L. Joseph Żammit noe vs Joseph Fenech et*** (riformata mill-Qorti tal-Appell fl-**14.7.2008**)
[34] P.A. **13.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciberras vs Zimmermann Barbaro*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.223**)
[35] P.A. TM **27.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Tanti pro et noe et vs Sammy Mifsud et noe*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-**23.9.2009**)
[36] Art. 1001 tal-Kap. 16
[37] Art. 992(1) tal-Kap. 16
[38] Art. 1209(1)(2) u (4) tal-Kap. 16

Illi l-każ li l-Qorti għandha quddiemha huwa marbut ma' żewġ ftehim illi ntlaħaq bejn żewġ kumpanniji mħarrka. L-attriċi mhix parti mill-ftehim, u bħala rimedju hija qed titlob kemm dikjarazzjoni ta' nullita taż-żewġ ftehim, kif ukoll ir-rexxissjoni tagħhom. Fid-dawl tad-duttrina u taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti tasal għal fehma illi mhux mogħti lill-attriċi d-dritt illi titlob in-nullita' u r-rexxissjoni tal-ftehim[39];

Illi l-Qorti jidhrilha xieraq illi f'dan ir-rigward tiċċita s-silta li ġejja minn sentenza tal-Qorti tal-Appell għaliex jidhrilha li tgħodd u toqgħod ħafna għall-każ tallum: "*..Il-liġi tagħna ma jidhirx li tagħmel ebda distinzjoni bejn l-azzjoni rexxissorja u dik għan-nullita'. Infatti tittrattahom ukoll bħala azzjoni waħda fl-artikoli 1209 sa 1231 tal-Kap. 16. Sinjifikanti ħafna illi fl-artikolu 1209(1) tirreferi għall-effett li tali rexxissjoni jkollha fuq il-partjiet. Hekk ukoll fis-subinċiż (2) u (4) ta' l-istess artikolu terġa' ssemmi l-parti. Imkien ma hemm ebda indikazzjoni li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata minn terzi estranei għall-kuntratt. .. .. .. Imbagħad ir-raġunijiet li għalihom tista' tintalab tali rexxissjoni skond din it-taqsima tal-Kodiċi Ċivili huma biss (a) in-nullita' minħabba n-nuqqas ta' xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa' jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, inkella (b) il-leżjoni f'każ ta' minuri*"[40];

Illi minħabba f'hekk, il-Qorti tasal għall-fehma li ladarba l-attriċi mhix parti mill-ftehim, it-tieni talba mressqa minnha ma tistax titqies u l-Qorti sejra tiċħadha wkoll;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis **it-tielet talba attriċi**, li biha l-attriċi titlob il-ħlas ta' kumpens għad-danni li tgħid illi ġarrbet b'riżultat tat-trasferiment tal-istokk minn kumpannija mħarrka għal oħra;

Illi l-attriċi seħħilha turi illi, b'effett tal-bejgħ li sar bejn Gregory's u C. Gregory, hija tneħħiet mit-tgawdija tal-ġid li parti minnu, bħala azzjonista fi Gregory's, kien jgħajjat lilha. Madankollu, min-naħa l-oħra, ma seħħilhiex tipprova jekk tabilħaqq ġarrbitx telf, u, jekk ġarrbet telf, x'kien. Fil-premessi tar-Rikors promotur, l-attriċi tisħaq illi l-bejgħ sar bi prezz baxx u li ma jirriflettix il-valur tal-ġid mibjugħ: anzi tisħaq li l-prezz kien bil-wisq aktar baxx mill-valur tal-ħwejjeġ mibjugħa. Madankollu, l-attriċi baqgħet ma ġabet qatt il-prova ta' kemm inxtara l-istokk, minkejja li xehdet li kienet tkun regolarment fl-istabilimenti ta' Gregory's u li kienet tkun hi li tara l-ħatt tal-merkanzija li żewġha l-imħarrek kien jieħu ħsieb jibgħat Malta meta jkun barra biex jixtri l-istokk[41]. Għaldaqstant l-ebda eżerċizzju li tista' tagħmel il-Qorti ma

---

[39] Maġ (Għ) PC. **13.10.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Camilleri vs Eliza Buġeja et*** (mhux appellata); u P.A. AE. **16.12.2011** ***Central Mediterranean Development Corporation vs Direttur tal-Uffiċju Konġunt et*** (mhux appellata)
[40] App Ċiv. **28.06.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Debrincat et vs Angelo Ċefai et noe***
[41] Xhieda tagħha f'paġ. 90 tal-proċess

jista' juri jekk l-istokk oġġett taż-żewġ ftehim inbiegħx anqas mill-prezz li bih kien inxtara. L-attriċi naqset li ġġib ukoll il-prova illi, barra dawk l-oġġetti msemmija mill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti wara l-ħruġ tal-Mandat ta' Deskrizzjoni, kien hemm oħrajn illi hija kienet taf bihom u li mhumiex fuq il-lista deskrittiva;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, it-tielet talba mhux ser tintlaqa';

Illi jifdal li l-Qorti tqis **ir-raba' talba**. Kif ingħad, l-attriċi bħala azzjonista fi Gregory's tinqeda bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 u titlob li, fid-dawl tal-preġudizzju illi hija sofriet bil-mod kif Gregory's għaddiet l-assi jew il-ġid tagħha lil C. Gregory, din il-Qorti għandha toħroġ ordni taħt l-imsemmi artikolu biex tirregola t-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija fil-ġejjieni;

Illi jibda biex jingħad illi l-artikolu 402 tal-Kap 386 jitkellem dwar liema huma ċ-ċirkostanzi li fihom huwa mogħti lil xi membru ta' kumpannija l-jedd li jressaq azzjoni bħal din. L-imsemmi artikolu jispeċifika li l-proponent irid ikun membru ta' kumpannija, u jispeċifika li l-proċedura tinbeda b'rikors. Il-kelma "membru" hija mfissra bħala li tgħodd fiha persuna li tista' legalment tirrappreżenta l-interessi ta' membru mejjet, persuna li tkun leġittimament wirtet (b'testment jew *ab intestato*) ishma fil-kumpannija u wkoll *nominee* liċenzjat li jkollu f'ismu ishma fil-kumpannija f'isem u fl-interessi ta' persuna oħra[42];

Illi l-azzjoni msemmija fl-artikolu 402 hija miruta mill-azzjoni li kienet maħsuba fl-artikolu 459 tal-Companies Act 1985 tar-Renju Unit[43] u hija meqjusa bħala rimedju statutorju magħruf bħala l-"*unfairly prejudicial remedy*". Il-kliem użat fid-dispożizzjoni relattiva tal-istatut Britanniku jixxiebah ħafna ma' dak użat fl-artikolu 402 li, madankollu, reġa' ġie mibdul maż-żmien[44];

Illi b'riferenza għan-natura tal-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti llum, din l-azzjoni tfissret[45] bħala strument flessibbli għall-azzjonist li, milqut bi preġudizzju attwali jew potenzjali, joffrilu rimedji ekwitattivi li jħallu 'l-Qorti tifli l-imġiba ta' dak li jseħħ f'kumpannija[46];

Illi l-Qorti tqis ukoll x'għandhom xi jgħidu l-awtoritajiet dwar il-liġi minn liema l-artikolu 402 tagħna huwa mirut. Sabet li, l-imsemmija proċedura tal-*unfairly prejudicial remedy* hija wżata ħafna fir-Renju Unit u nkiteb ħafna dwarha

[42] Art. 402(6) tal-Kap 386
[43] Illum mibdul bl-art. 994 tal-Companies Act, 2006
[44] Bl-Att IV tal-2003, art. 156 u bl-Att XIII tal-2004, art. 104
[45] Ara ***Ebrahimi vs Westbourne Galleries Limited*** (1973) AC 360
[46] Ara J.H. Farrar & B.M. Hannigan Farrar's Company Law (4th. Edit), paġ. 449 u App. Ċiv. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Philomena Ellul vs Carmel Ellul***

wkoll. Meta wieħed iħares lejn min għandhom ikunu l-partijiet fi proċedura bħal din, isib li: "*The petitioner will be the member seeking relief, and the company of which he is a member and in relation to whose affairs he alleges unfairly prejudicial conduct will be made a respondent. Additionally, every member of the company (other than the petitioner) whose interests might be effected by the relief sought should be joined as a respondent, whether or not allegations of unfairly prejudicial conduct are made against him: in the case of a small private company, this will usually mean that every member ought to be joined as a respondent to the petition. The category of potential respondents (other than the company) is not, however, limited to members of the company. In an appropriate case, relief may be sought against a non- or former member. The width of the category of potential respondents is indicated by* <u>*Lowe vs Fahey*</u>[47]*, where it was held that if the unfairly prejudicial conduct alleged was a diversion of corporate funds, a petitoner could seek relief not only against members and former members, but also against directors involved or third parties who knowingly received or improperly assisted in the diversion. Even a person who is not actively involved in the conduct of the affairs of the company complained of may be made a respondent, at least if he would be affected by the relief sought*"[48];

Illi għall-Qorti din is-silta fiha tifsira mirquma u pertinenti għall-każ li għandha quddiemha. Fi kliem ieħor qiegħed jingħad li, flimkien mal-kumpannija, hemm għadd ta' persuni oħrajn li jistgħu jiġu intimati biex iwieġbu l-pretensjoni ta' azzjonist imġarrab. Fil-każ preżenti, l-għemil li l-attriċi tilminta minnu jolqot kemm lil żewġha l-imħarrek personalment u direttament, imma wkoll lil Gregory's, li fiha l-imħarrek kellu kontroll;

Illi fil-każ tallum, l-attriċi setgħet tippromwovi l-proċeduri taħt d-disposizzjoni tal-imsemmi artikolu 402 u setgħet titlob rimedju speċifiku, wkoll jekk rimedji oħra jeżistu għad-disposizzjoni tagħha[49]. Jingħad ukoll illi l-attriċi għandha kull jedd illi tressaq din it-talba anke jekk s-sehem li hija għandha fi Gregory's huwa żgħir meta mqabbel ma' dak tal-imħarrek Alexander Gregory, dan kemm il-darba jiġi ppruvat illi bl-aġir tal-kumpannija hija ġiet jew kienet ser ġġarrab preġudizzju[50];

Illi dak li għandu jiġi stabbilit hawn huwa jekk jeżistix dak rikjest mil-leġislatur biex issir ordni taħt l-artikolu msemmi: jrid jiġi stabbilit jekk l-attriċi bħala azzjonista ta' Gregory's kinetx qed issofri xi preġudizzju, oppressjoni jew diskriminazzjoni. Dak li qed jiġi allegat mill-attriċi hawnhekk bħala agir ta'

---

[47] (1996) 1 BCLC 262
[48] Victor Joffe, <u>Minority Shareholders: Law, Practice and Procedure</u> (2000), Chap. 6, page 218
[49] App Ċiv. **9.3.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph M Vella et vs Vella Brothers Limited et***
[50] Ara Kumm **21.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Abdilla vs Gaetano Abdilla et*** (mhix pubblikata)

pregudizzju jikkonsisti filli l-imħarrkin, jew min minnhom, biegħu l-ġid tal-kumpannija b'qerq;

Illi l-ħarsien mogħti lil azzjonist kontra l-imġiba mħarsa mill-artikolu 402 huwa dak li min b'xi mod ikollu kontroll fuq l-ishma ta' kumpannija, ma jikkommettix atti li joħonqu b'mod inġust u diskriminatorju lil min jippossjedi ishma oħra fil-kumpannija huwa wkoll. Huwa miżmum li biex tirnexxi l-azzjoni ta' azzjonist taħt dan l-artikolu, ikun kemm ikun sehemu mill-azzjonijiet tal-kumpannija[51], il-prova trid tkun oġġettiva, għalkemm mhux meħtieġ li l-parti tipprova l-mala fidi ta' min jagħmel l-għemil attakkat jew li kellu l-ħsieb li jagħmel ħsara lil dak l-azzjonist, għalkemm l-għemil irid jintwera li kellu effett negattiv fuq tali azzjonist[52];

Illi l-attriċi talbet bħala rimedju dak li l-liġi tipprovdi taħt il-paragrafu (a) tas-subinċiz (3) tal-artikolu 402, ordni li tirregola t-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija fil-futur. Dan jidher li tagħmlu b'riferenza għal Gregory's;

Illi f'dan ir-rigward, l-awturi[53] jgħidu "*..it will be observed that, viewed collectively, the types of order that can be made by the court are rather wide ranging, and some of the types of orders listed in article 403(3) (in particular, those listed in paragraphs (a) to (c) of article 402(3)) are so wide in their scope that they may be said to give almost unlimited flexibility and discretion to the court in the choice of the particular order or remedy that it may grant – limited only perhaps (a) by the requirement that such order or remedy has to be just and equitable in the circumstances (but the "just and equitable" notion is itself a flexible notion which ultimately rests in the discretion of the court) and (b) by the range of particular remedies and orders available within the general parameters ofthe law.*"

Illi fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, il-Qorti tqis illi għalkemm it-talba attriċi hija f'waqtha, il-fatt illi l-Qorti ma tistax, għar-raġunijiet imfissra qabel, tirrexxindi l-ftehim li sar bejn il-kumpanniji mħarrkin, dan iwassal biex il-ġid ta' Gregory's ma jistax jinġieb lura fil-kumpannija. Illi fis-sewwa, l-imħarrek xehed ukoll li Gregory's ma għadhiex tikkummerċja b'mod regolari, u għalhekk tista' titqies bħala kumpannija bla ġid li ftit li xejn jibqa' x'jista' jiġi regolat fiha, u għaldaqstant kwalunkwe ordni li tista' toħroġ il-Qorti ftit li xejn tista' tissarraf f'ġid għall-attriċi;

Illi lil hinn minn dan, fil-fehma tal-Qorti, jibqa' l-obbligu fuq l-imħarrkin kollha illi, sakemm Gregory's għadha mhix imħassra mir-Reġistru tal-Kumpanniji, hija

[51] Ara f'dan is-sens App. Ċiv. **3.11.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Ellis pro et noe vs Rita Ellis et***
[52] P.A. AE **7.10.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Pio Valletta noe vs Jeno Torocsik et*** (appellata)
[53] A Muscat Principles of Maltese Company Law, 2007, paġ. 998

mistennija illi ġġib ruħha b'aktar lealta' u trasparenza fit-tmexxija tagħha. L-attriċi għandha tingħata aċċess għal kull informazzjoni illi hija teħtieġ sabiex jiġi assigurat illi l-interessi tagħha fi Gregory's, anke jekk ċkejken, ma jiġux preġudikati jew miċħuda. Iżda lil hinn minn hekk, din il-Qorti ssib li ma hemm l-ebda ordni ieħor li jista' jingħata;

Illi għalhekk, il-Qorti jkollha, fiċ-ċirkostanzi, tastjeni milli tqis ir-raba' talba attriċi, bla ħsara għal kull rimedju ieħor li l-attriċi jista' jkollha fil-każ konkret;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma ntweriex li hija mistħoqqa fil-fatt;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi** billi jirriżulta illi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tastjeni milli tqis ir-raba' talba attriċi** billi ma ntweriex li hemm xi provvedimenti li jistgħu jittieħdu fiċ-ċirkostanzi favur l-attriċi;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin fil-mertu; u

**Tordna** li l-attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**14 ta' Frar, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**14 ta' Frar, 2018**